MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## ELLUL ANTHONY

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1046/2002/1

**Globe Insurance Brokers Ltd**

**Vs**

**Charles Pisani**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' hames mija u hamsin lira Maltija u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm550.24), hlas ta' premium ghall-assikurazzjonijiet mahruga mis-socjeta attrici favur il-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenut naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi.

Semgha x-xhieda ta' Salvino Mifsud Bonnici u tal-konvenut.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Is-socjeta attrici qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' hames mija u hamsin lira Maltija u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm550.24) bhala hlas ta' premium fuq poloz ta' assigurazzjoni li nhargu favur il-konvenut. Madankollu, skond rendikont li gie pprezentat mis-socjeta attrici (fol. 24 tal-process) jirrizulta li l-ammont pretiz mis-socjeta attrici fl-1 ta' Novembru 2001 kien ta' erbgha mija u tlieta u tmenin lira Maltija u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm483.22), u ma jirrizultax li minn dakinhar sar xi negozju bejn il-kontendenti.

2. Fl-ewwel lok il-konvenut iddikjara li parti mill-hlas pretiz minnu kien thallas permezz ta' cekk [mahrug fil-15 ta' Novembru 2000] ghas-somma ta' mitejn u sittax-il lira Maltija u zewg centezmi (Lm216.02). Ghalkemm fit-traskrizzjoni tax-xhieda tieghu jinghad li qieghed jipprezenta kopja ta' dan ic-cekk, huwa ma pprezenta xejn. Tant hu hekk li fil-verbal tas-seduta tat-12 ta' Lulju 2002 jinghad li l-konvenut kellu *"iressaq kopoja ta' dokumenti li ghamel riferenza ghalihom illum"*. Dokumenti li baqghu ma gewx prezentati minnu. Ghalhekk peress li min jallega l-hlas irid jaghti prova tieghu, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenut naqas milli jressaq provi sodisfacenti hallas is-somma fuq isemmija.

3. Il-konvenut qal ukoll li kien ta struzzjonijiet sabiex jithassru l-poloz fuq il-vetturi bin-numru JBB 414, JBB 676 u CAA 335. Skond il-konvenut dawn l-istruzzjonijiet baqghu ma gewx imwettqa min-naha tas-socjeta attrici. Mid-dokumenti li gew prezentati mis-socjeta attrici jirrizulta li b'sehh mit-12 ta' Novembru 2001 gew ikkancellati tlett poloz ta' assigurazzjoni li kienu jkopru l-vetturi bin-numru PRV 010, DAQ 041 u CAA 335. Dan prezumibilment peress li l-konvenut baqa' ma hallasx il-pendenzi li kellu mas-socjeta attrici, minkejja li kien ilu zmien jigi nterpellat sabiex ihallas il-bilanc li kien ghadu pendenti. Min-naha tieghu l-konvenut naqas milli jressaq provi sodisfacenti li

ta xi struzzjonijiet lis-socjeta attrici u li baqghu ma gewx segwiti.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' erbgha mija u tlieta u tmenin lira Maltija u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm483.22), bl-imghax min-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**